MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 55/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Caruana, ta' 43 sena, bin Paul u Carmen nee' Azzopardi,**
**imwieled Rabat (Ghawdex), nhar is-26 ta' Settembru, 1965, residenti**
**fil-fond numru Flat 1, Greenway, Triq ir-Rabat, Xlendi (Munxar), detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 33965(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Caruana li gie akkuzat talli nhar is-27 ta' Mejju, 2009 f'dawn il-Gzejjer ghal habta tal-hamsa u nofs u hamsa ta' filghodu (05:35hrs) gewwa Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex;

a) Saq il-mutur DBN713 b'manjiera negligenti, traskurata, u perikoluza, liema sewqan wassal sabiex sehh incident tat-traffiku;
b) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi traskuragni kkaguna hsara nvolontarja fil-vettura Hyundai Pony bin-numru tar-registrazzjoni JAV789 proprjeta' ta' Anthony Cordina;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ukoll illi tissospendi l-Licenzja tas-Sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' mhux inqas minn 6 xhur;
Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat hallas id-danni kollha kkagunati minnu f'dan l-incident;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1) (a) u (2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 328 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata;

Il-Qorti tordna li tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tliet (3) xhur mil-lum;

Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, tordna lill-imputat ihallas spejjez peritali ta' mija u disgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€189.89).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------